Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 23 ta' Jannar 2025
(OR. en)

5072/25

LIMITE

CORLX 7
CFSP/PESC 10
MAMA 2
COARM 4
CONUN 2
FIN 3

PUBLIC

**ATTI LEĠIŻLATTIVI U STRUMENTI OĦRA**

| | |
|---|---|
| Suġġett: | DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL li timplimenta d-Deċiżjoni (PESK) 2015/1333 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Libja |

**DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2025/…**

**ta' ...**

**li timplimenta d-Deċiżjoni (PESK) 2015/1333**
**dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Libja**

PUBLIC

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 31(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2015/1333 tal-31 ta' Lulju 2015 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Libja, u li tħassar id-Deċiżjoni 2011/137/PESK[1], u b'mod partikolari l-Artikolu 12(1) tagħha,

Wara li kkunsidra l-proposta tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

[1] ĠU L 206, 1.8.2015, p. 34, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2015/1333/oj.

Billi:

(1) Fil-31 ta' Lulju 2015, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2015/1333.

(2) Fl-20 ta' Diċembru 2024, il-Kumitat stabbilit skont ir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti 1970 (2011) dwar il-Libja neħħa persuna waħda mil-lista ta' persuni u entitajiet soġġetti għal miżuri restrittivi.

(3) Għalhekk, jenħtieġ li d-Deċiżjoni (PESK) 2015/1333 tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

PUBLIC

*Artikolu 1*

L-Annessi I u III tad-Deċiżjoni (PESK) 2015/1333 huma emendati f'konformità mal-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi ...,

*Għall-Kunsill*
*Il-President*

PUBLIC

# ANNESS

L-Annessi I u III tad-Deċiżjoni (PESK) 2015/1333 huma emendati kif ġej:

Fl-Anness I ("Lista ta' persuni msemmija fl-Artikolu 8(1)"), u fl-Anness III ("Lista ta' persuni u entitajiet imsemmija fl-Artikolu 9(1)", il-Parti A ("Individwi")), titħassar l-entrata rispettiva numru 20, li tikkonċerna lil Abdelhafiz ZLITNI.

PUBLIC